IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 7.10.2010
KUMM(2010) 551 finali

2010/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tielet ħlas parzjali 2010)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 57(5) tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ, din il-proposta tkopri:

l-ammont tat-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2010 ("n+1" fis-sens tal-proċeduri permanenti stabbiliti f'dak l-Artikolu);

Skont l-Artikolu 57(7) tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ, l-ammont ġestit mill-Kummissjoni u l-ammont ġestit mill-BEI huma speċifikati għal kull wieħed minnhom.

Skont l-Artikolu 145 tar-Regolament Finanzjarju FEŻ, il-BEI bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu ta' impenji u ħlasijiet skont l-istrumenti li jimmaniġja.

Skont l-Artikolu 57(5) tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha u l-Istati Membri jridu jgħaddu t-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara d-data li fiha d-deċiżjoni tal-Kunsill tkun innotifikata lilhom.

L-Artikolu 58(2) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jużaw l-ammonti stabbiliti għall-FEŻ preċedenti, wieħed wara l-ieħor. Għalhekk, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet f'din il-proposta jikkonċernaw l-ammonti għad-disa'FEŻ.

Innota li l-Artikolu 60(1) tar-Regolament Finanzjarju FEŻ jipprovdi li Stat Membru li ma jagħmilx il-ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni dovuta sad-data ta' skadenza jkun mitlub iħallas l-imgħax fuq l-ammont mhux imħallas; l-arranġamenti għall-ħlas tal-imgħax huma speċifikati fl-istess Artikolu.

2010/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tielet ħlas parzjali 2010)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja skont il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 skont il-Ftehim AKP-KE u dwar l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u għat-Territorji ekstra-Ewropej li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Raba' Parti tat-Trattat KE[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Frar 2008, applikabbli għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju tal-għaxar FEŻ")[2], b'mod partikolari l-Artikolu 57 (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[3],

Billi:

(1) L-Artikolu 58(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-FEŻ") jipprovdi li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jużaw l-ammonti pprovduti għall-FEŻ ta' qabel. Għaldaqstant, għandha ssir sejħa għall-fondi għad-disa' FEŻ.

(2) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 145 tar-Regolament Finanzjarju tal-għaxar FEŻ, il-Bank Ewropew tal-Investiment bagħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-ħlasijiet għall-istrumenti li jimaniġġja.

(3) Il-Kunsill għandu jiddeċiedi mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha u l-Istati Membri għandhom jgħaddu t-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara d-data li fiha d-deċiżjoni tal-Kunsill tkun innotifikata lilhom.

---

1 ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.
2 ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.
3 ĠU C …, …, p. .

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala t-tielet ħlas parzjali għall-2010 biex jiffinanzjaw il-FEŻ huma mniżżlin fit-tabella fl-Anness ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li qegħdin jikkontribwixxu għad-disa' FEŻ.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

It-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjonijiet għall-2010 (f'EUR)

Stat Membru	%	lill-BEI	lill-Kummissjoni	Total
Il-Ġermanja	23,36	4 672 000	116 800 000	121 472 000
Il-Belġju	3,92	784 000	19 600 000	20 384 000
Id-Danimarka	2,14	428 000	10 700 000	11 128 000
Spanja	5,84	1 168 000	29 200 000	30 368 000
Franza	24,30	4 860 000	121 500 000	126 360 000
Il-Greċja	1,25	250 000	6 250 000	6 500 000
L-Irlanda	0,62	124 000	3 100 000	3 224 000
L-Italja	12,54	2 508 000	62 700 000	65 208 000
Il-Lussemburgu	0,29	58 000	1 450 000	1 508 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	5,22	1 044 000	26 100 000	27 144 000
Il-Portugall	0,97	194 000	4 850 000	5 044 000
Ir-Renju Unit	12,69	2 538 000	63 450 000	65 988 000
L-Awstrija	2,65	530 000	13 250 000	13 780 000
Il-Finlandja	1,48	296 000	7 400 000	7 696 000
L-Isvezja	2,73	546 000	13 650 000	14 196 000
TOTAL	100,00	20 000 000	500 000 000	**520 000 000**